MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Numru 99/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**

**V**

**JOSEPH ANNATI**
**JOSEPH MARY SALERNO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH ANNATI** ta' disgha w tletin sena bin John u Maria nee Vella, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 1964, residenti Flat 1, 'Tivoli Complex', Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal Gdid u detentur ta' karta tal-identita numru 597464M u **JOSEPH MARY SALERNO** ta' erbgha w erbghin sena bin Alfred u Cettina nee Pavia, imwieled Haz Zabbar nhar l-ghaxra ta' Awissu 1960 u resdienti 'Onrelas', Triq il-Maddafa, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 517360M gew

imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2004 xjentement ghenu jew kellhom x'jaqsmu filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, kwantita ta' sigaretti bla dazju, kif jidher hawn taht minn lok ta' kustodja fejn kienu depositati, u cioe hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Silk Cut, hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Dunhill International, mitt kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Rothmans, u hamsin kartuna b'ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett Benson & Hedges.

Talli fl-istess data, xjetnement laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, bieghu u/jew xjentement hallew jew ittolleraw jew gieghlu jew fittxu li jigu milqugha, mizmuma l-oggetti 'n kwistjoni u dan bi hsieb li jevadu d-Dazju, s-Sisa u t-Taxxa fuq il-Valur mizjud [VAT] dovuti lil Gvern ta' Malta fuq is-sigaretti 'n kwistjoni jew parti minnhom.

Billi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBC 253 li ntuzat bhala mezz ta'garr tal-oggetti fuq imsemmija kif wkoll l-istess oggetti gew maqbuda mid-Dwana fil-presenza tal-istess Joseph Annati u Joseph Mary Salerno.

Illi dawn s-sigaretti ghandhom Valur, Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] u cioe Valur ta' mija tnax il-lira u hamsin centezmu, Dazju tas-Sisa ta' erbgha mija tnejn u hamsin lira u hamsa w ghoxrin centezmu, u VAT fl-ammont ta' mija u lira u sitta w sittin centezmu; Valur ta' mija hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa ta' erbgha mija u sebgha liri u hamsin centezmu u VAT fl-ammont ta' hamsa w disghin lira u hamsa w tmenin centezmu; Valur ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa ta' disgha mija w erbgha liri u hamsin centezmu u VAT fl-ammont ta' mitejn u tlett liri u wiehed u tletin centezmu; Valur ta' mija u hamsa w ghoxrin lira, Dazju tas-Sisa fl-ammont ta' erbgha mija tnejn u hamsin lira u hamsa w ghoxrin centezmu u VAT fl-ammont ta' mija u tlett liri u wiehed u disghin centezmu.

Illi dawn s-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' hames mija sebgha w tmenin lira u hamsin centemzu, Dazju tas-Sisa dovut ta' elfejn mitejn u sittax il-lira u hamsin centezmu u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' hames mija u erbgha liri u tlieta w sebghin centezmu rispettivament liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esbiti fosthom l-*letter to prosecute* mahruga mid-Dipartiment tal-VAT sabiex jigu inizjati proceduri fil-konfront tal-imputati odjerni rigward akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Att XVI tas-sena 1995 dwar d-Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat wkoll l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati nhar t-tnejn u ghoxrin u t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2004 esibiti fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlettax ta' Marzu 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-presenza tal-avukat difensur taghha Dottor Martin Fenech.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat il-fedina penali tal-imputat Joseph Mary Salerno esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat daqs li kieku huwa *a first time offender* filwaqt li dik tal-imputat Joseph Annati ghandha fuqha registrat reat iehor simili ghal dak in dezamina li sehh fis-sena 1999 fejn kien gie kkundannat ihallas multa ta' mija u hamsin lira.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tat-tlettax ta' Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;
2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz u dan sa mill-bidu nett li rrilaxxja l-istqarrija taghhom.

3. Li s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 60(c)(e)(k), 62(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), 62(1)(a) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 16(1)(j) u 17 tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa, **tiddecidi li ssib lill-imputati JOSEPH ANNATI u JOSEPH MARY SALERNO hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tikkundanna <u>lil kull imputat</u> ghal hlas ta' multa ta' tlett elf tmien mija sitta w disghin lira u tlieta w sebghin centezmu [LM3896.73] u ghal piena karcerarja ta' gimgha sospiza ghal sitt xhur bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghti l-fakulta lil imputati jhallsu il-**

**multa inflitta llum b'din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin lira maltin, bl-ewwel pagament ikun dovut sas mhux aktar tard mit-tletin [30] ta' Marzu 2006. F'kaz li l-imputati jonqsu li jaghmlu imqar pagament wiehed, il-bilanc ghandu jigi konvertit f'perjodu ta' prigunerija minnufih.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkonfiska l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBC 253 esibita fl-atti formalment, din il-Qorti qed tichadha peress li jirrizulta mill-verbal tat-tlettax ta' Marzu 2006 li din il-vettura hija proprjeta tas-socjeta U.C.I.M. Co. u tinsab mikrija lis-socjeta Travel Shopping Limited u l-imputati huma biss impjegati taghha w ghalhekk tali talba ma tistax tigi milqugha. [vide Il-Pulizija v Boris Formosa deciza recetnement mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Marzu 2006].**

**Dwar it-talba l-ohra tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundana lil imputat jhallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li matul il-kumpilazzjoni ma gie nominat ebda espert w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza liz-zewg imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------